MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2013

Numru. 85/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Antoine Agius**

**Illum, 26 ta' Lulju 2013**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Antoine Agius ta' 19-il sena, iben David u Theresa nee` Muscat, imwieled Pieta` nhar is-16/02/83, u residenti fil-fond numru 64, Flat 12, Triq ix-Xitwa, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` 124383(M)

Billi hu akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-4 ta' Lulju 2002, u x-xahrejn ta' qabel go Hal Qormi, u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-parametru ta' post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghhom.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' April 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi kollha li kienu migjuba quddiem il-Qorti, diversament presjeduta, u illi fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013, din l-ezenzjoni regghet giet ikkonfermata fil-presenza tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat it-trattazzjoni finali tal-partijiet li saret fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2012, quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta.

**Ikkunsidrat**:

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

1. Fl-4 ta' Lulju 2002, certu Anthony Frendo maghruf bhala l-Ballerin, li kien gie arrestat f'xi zmien qabel in konnessjoni ma' traffikar ta' droga, informa lill-pulizija li

huwa kien lest li jghinha u jindikalha lill-persuna li minghandha huwa kien jixtri d-droga. L-istess Anthony Frendo indika lil certu Toni minn Hal Qormi. Wara li l-pulizija infurmat b'dan kollu lill-Magistrat tal-Ghassa, saru preparamenti sabiex issir *controlled delivery* bejn dan Toni u l-imsemmi Anthony Frendo.

2. Fil-presenza tal-pulizija, Anthony Frendo cempel lil Toni (indikat fl-atti tal-*proces verbal* ukoll bhala Tony u Twanny) fuq il-*mobile* tieghu u staqsieh jekk kellux mit-tajba. Sar ftehim bejn Frendo u Toni fis-sens illi jekk Frendo jixtri hamsa, Toni jkun jista' jhallihomlu bil-prezz ta' Lm29 il-wahda minflok bil-prezz ta' Lm30. Ftehmu li kellhom jiltaqghu Hal-Qormi, hdejn il-Knisja ta' San Bastjan. Fil-frattemp, Frendo gie moghti s-somma ta' Lm150 mill-pulizija u gie akkumpanjat mill-istess pulizija fil-vicinanzi tal-post fejn kellu jiltaqa' ma' Toni.

3. Waqt li Frendo kien qed jistenna hdejn il-knisja ta' San Bastjan, waslet vettura tat-tip Marina ta' kulur *maroon* u resqet lejn Anthony Frendo, fil-waqt li Frendo nizel mill-vettura tieghu. Fil-vettura msemmija kien hemm zewg persuni ossia l-imputat u certu Ryan Agius. Wara li saret it-transazzjoni, Frendo gie arrestat fil-waqt illi l-persuni fil-vettura Marina telqu minn fuq il-post sakemm wara ftit, dawn gew intercettati u arrestati. [1]

4. Ryan Agius irrilaxxja stqarrija[2] dakinhar stess fis-6.00 p.m. wara li nghata d-debita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova, fil-waqt illi l-istqarrija ta' Anthony Frendo[3], ukoll wara li nghatatlu d-debita twissija, ittiehdet fl-istess jum fis-700

[1] Kopja vera tal-*proces verbal* numru 1580/02 dwar suspett ta' traffikar ta' droga, a fol. 24 tal-process, a fol. 21 u 25 sa 27 tal-*proces verbal*; xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud, a fol. 25 u 26 tal-process.
[2] A fol. 29 tal-*proces verbal*.
[3] A fol. 31 tal-*proces verbal.*

p.m. Izjed tard dakinhar stess, kemm Ryan Agius, kif ukoll Anthony Frendo gguramentaw l-istqarrija taghhom quddiem il-Magistrat tal-Ghassa, Dr. Giovanni Grixti, u dan a tenur tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn it-tnejn li huma xehdu li l-imputat kien ibiegh id-droga.[4]

5. L-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu, jumejn wara ossia fis-6 ta' Lulju 2002[5]. Huwa wkoll inghata d-debita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket, b'dan illi dak li jghid jista' jingieb bhala prova, qabel ma bdiet l-interrogazzjoni tieghu. Huwa ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

In vista tas-suespost, l-ezercizzju li ghandha twettaq din il-Qorti huwa illi tanalizza jekk l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gewx pruvati mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, kif trid il-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tifli l-provi mressqa fir-rigward ta' kull imputazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Qabel xejn madankollu, il-Qorti nnutat waqt li kienet qeghda tifli l-atti tal-kawza, illi fl-ebda stadju ma gew moqrija u kkonfermati bil-gurament, mill-Ufficjal Prosekutur, l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat. Fil-fatt fl-ewwel seduta mizmuma fl-1 ta' Dicembru 2004[6], deher l-imputat assistit mill-avukat difensur tieghu, Dr. Franco Debono u deher l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispetter Josric Mifsud u l-kawza giet differita ghall-provi tal-prosekuzzjoni. Wara din id-data, kien hemm sensiela ta' differimenti, fil-maggor parti ghaliex l-imputat ma deherx, u x-xhieda bdiet tinstema' kwazi tliet

[4] A fol. 38 sa 47 tal-*proces verbal.*
[5] A fol. 5 tal-process.
[6] A fol. 9 tal-process.

snin wara ossia fid-19 ta' Ottubru 2007[7]. Fl-istess seduta ma giex ivverbalizzat illi l-akkuzi gew moqrija u kkonfermati bil-gurament u nstemghu numru ta' xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti ser tikkunsidra jekk dan in-nuqqas ghandux iwassal ghal xi difett f'dawn il-proceduri.

Jibda biex jinghad illi din hija kawza fejn bis-sahha li jaghtih l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ordna illi l-imputat ghandu jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[8] sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet mertu ta' din il-kawza. Il-Qorti ghalhekk sa mill-bidunett tal-kawza, bdiet tisma' din il-kawza fil-vesti taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhux ta' Qorti Istruttorja u dan minkejja illi l-piena applikabbli ghall-imputazzjoni (a) f'dan il-kaz tezorbita mill-kompetenza originali ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Taht is-Sub-titolu I tat-Titolu II tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Sub-titolu huwa ntestat 'Fuq il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali', l-Artikolu 375(d) jipprovdi illi "*Meta l-azzjoni hija mmexxija mill-Pulizija Ezekuttiva, ghandhom jitharsu d-disposizzjonijiet li gejjin:- (d) il-qorti tista' titlob li r-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva jigi mwettaq bil-gurament*".

Min-naha l-ohra, taht is-Sub-titolu II tal-istess Titolu II tal-Kap. 9, liema Sub-titolu huwa ntestat 'Fuq il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Istruttorja', l-Artikolu 390(1) jghid illi "*Il-qorti tisma' r-rapport bil-gurament tal-ufficjal tal-Pulizija, tezamina, bla gurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport. Kollox ghandu jitnizzel bil-miktub*". L-Artikolu 597(4) tal-Kap. 9, imbaghad, jindika bhala difett fl-atti tal-kumpilazzjoni n-nuqqas ghal kollox tar-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija.

---

[7] A fol. 21 tal-process.
[8] A fol. 4 tal-process.

Ghalhekk huwa evidenti minn qari ta’ dawn iz-zewg disposizzjonijiet illi fil-waqt illi fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, hija fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk titlobx li r-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva jigi mwettaq bil-gurament, dan mhuwiex il-kaz fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, fejn il-qorti ghandha dejjem tisma’ dan ir-rapport.

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fid-29 ta’ Mejju 2008 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Owen Bonnici**, f’liema sentenza, l-istess Qorti rreferiet ghal sentenza ohra moghtija minnha fl-istess jum, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Anthony Bartolo**, intqal hekk:

“*Din il-Qorti semplicement ma tistax taqbel ma’ l-appellant, u hi tal-fehma li l-ewwel qorti kienet perfettament korretta fil-konkluzjoni taghha ghal dak li jammonta ghar-rapport bil-gurament imsemmi fl-artikolu 390(1), kif ukoll meta kkonkludiet li fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm “nuqqas ghal kollox tar-rapport ta’ l-ufficjal tal-Pulizija” ghall-finijiet ta’ l-artikolu 597(4) tal-Kap. 9 … Huwa car mil-lokuzzjoni adoperata mil-legislatur fl-artikolu 390(1) li r-rapport bil-gurament imsemmi f’dik id-disposizzjoni ma hu xejn ghajr l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet li jridu jkunu jipotizzaw (ghall-anqas imputazzjoni minnhom) reat li jeccedi l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Dan hu r-rapport li jsir mill-ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva lill-awtorita` gudizzjarja fil-bidu tal-kumpilazzjoni, rapport li l-ufficjal prosekutur jassumi fuqu l-obbligu li jsahhah bil-provi li jingiebu matul l-istess kumpilazzjoni … Il-ligi, fl-artikolu 390(1) imsemmi, tirrikjedi li l-ufficjal prosekutur, li huwa wkoll ufficjal pubbliku, jikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament biex tassigura, tenut kont tal-gravita` ta’ l-imputazzjonijiet – kif rajna wahda minnhom trid tkun tezorbita mill-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali – li huwa jew haddiehor ikun ghamel ghall-anqas dak il-minimu ta’ investigazzjoni li jkun wassal lill-istess ufficjal prosekutur biex jemmen li l-imputat x’aktarx huwa hati ta’ l-akkuzi*

*ipotizzati fl-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.* *In fatti, meta si tratta ta' reati anqas serji u li allura jidhlu fil-kompetenza tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jekk ir-rapport (l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) jigix konfermat o meno bil-gurament hija haga mhollija fid-diskrezzjoni tal-qorti*, *bhalma hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk il-kwerela, f'kazijiet fejn il-prosekuzzjoni titmexxa mill-parti offiza, ghandhiex tigi konfermata mill-kwerelant.*" [sottolinear mizjud]

Issa ghalkemm f'dan il-kaz, wahda mill-imputazzjonijiet tikkoncerna r-reat ta' traffikar ta' droga eroina u ghalhekk ma jistax jinghad li dan mhuwiex reat serju – tant illi l-piena applikabbli hija dik ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur, izda mhux izjed minn ghaxar snin – kif diga` intqal izjed 'il fuq, l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 jaghti d-diskrezzjoni lill-Avukat Generali sabiex jiddeciedi jekk il-kaz ghandux jigi mismugh u deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali, fejn allura l-kaz jghaddi quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex issir il-kumpilazzjoni. Dan kien kaz li beda jinstema' *ab initio* quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghaldaqstant huwa applikabbli l-Artikolu 375(d) tal-Kap. 9 u mhux l-Artikolu 390(1) tal-istess Kap. Dan ifisser ghalhekk illi l-fatt illi ma nqarax ir-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva ossia il-fatt li ma nqrawx l-imputazzjonijiet bil-gurament mill-istess Pulizija Ezekuttiva, ma jgib mieghu l-ebda difett fil-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina*

Kif inghad izjed il'fuq, nhar l-4 ta' Lulju 2002, certu Anthony Frendo, maghruf bhala l-Ballerin, li kien gie

arrestat f'xi zmien qabel in konnessjoni ma' traffikar ta' droga, informa lill-pulizija li huwa kien lest li jghinha u jindika l-persuna li minghandha huwa kien jixtri d-droga. L-istess Anthony Frendo indika lil certu Toni minn Hal Qormi.[9]

Jirrizulta mix-xhieda moghtija mill-Ispettur Josric Mifsud quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Giovanni Grixti, fl-4 ta' Lulju 2002, illi wara li l-pulizija infurmat b'dan kollu lill-Magistrat tal-Ghassa, Anthony Frendo, cempel lil certu Tony fuq il-*mobile* tieghu u staqsieh jekk kellux mit-tajba. "*Dana Tony irrispondieh illi iva, qallu illi kellu mit-tajba u li kien ser ihallihilu bi tletin lira 'il wahda pero` Anthony Frendo qallu … speci xtrajt tant minghandek, qallu m'inti ser trahhasli xejn u 'l iehor min-naha l-ohra qallu jekk tiehu hamsa … inhallihilek b'disgha u ghoxrin lira 'l wahda*"[10]. Ftehmu li jiltaqghu hdejn il-knistja ta' San Bastjan, gewwa Hal-Qormi. L-Ispettur Mifsud xehed ukoll illi l-pulizija ghaddiet Lm150 lil Frendo, ta liema flus ittiehdet ukoll fotokopja[11], u dan mar hdejn il-knisja ta' San Bastjan akkumpanjat mill-Pulizija. L-Ispettur Mifsud jghid illi wara ftit giet fuq il-post vettura tal-ghamla Marina bil-kulur *maroon* "*approwcjat lil Anthony Frendo, Anthony Frendo nizel mill-vettura tieghu, tah il-flus fejn il-flus ghoddhom u 'l iehor ghaddilu xi haga lura f'idejh*"[12]. Fl-imsemmija vettura kien hemm zewg persuni, Ryan Agius u l-imputat, li ghalkemm dak il-hin telqu minn fuq il-post bl-istess vettura, wara ftit gew intercettati u arrestati, kif gie arrestat ukoll l-istess Anthony Frendo.[13]

Fix-xhieda tieghu, moghtija quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fid-19 ta' Ottubru 2007, l-Ispettur Mifsud kkonferma dak li kien diga` xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-4 ta' Lulju 2002. Huwa qal illi certu Toni (u dan b'referenza ghal Anthony Frendo) kellu n-numru tat-telefon ta' persuna li wkoll kien jismu Toni u illi fil-presenza tal-pulizija huwa kien cempillu sabiex jistaqsih

[9] A fol. 21 tal-*proces verbal.*
[10] A fol. 25 u 26 tal-*proces verbal.*
[11] A fol. 33 sa 37 tal-*proces verbal.*
[12] A fol. 26 tal-*proces verbal*.
[13] A fol. 26 u 27 tal-*proces verbal.*

jekk kellux mit-tajba. Frendo talbu tliet grammi li gew offruti lilu bi Lm30, izda Frendo talbu biex ibaxxilu l-prezz stante li kien ilu jixtri minghandu u ghalhekk Toni qallu li kien ser jaqtaghlu Lm1 jekk Frendo jiehu hamsa. Skond l-Ispettur Mifsud, dan kien dak li setghu jisimghu l-pulizija minn din it-telefonata[14]. Dwar l-inkontru u t-transazzjoni li sehhet, l-Ispettur jerga' jghid b'referenza ghal Frendo illi "*Bghattnieh jaghmel kuntatt mal-vettura fejn dan iltaqa' ma vettura, tip Morris Marina ta' kulur hamrani, jew maroon, ma niftakarx ezatt il-kulur, ghadda l-flus u l-iehor tah l-affarijiet.*"[15] Il-pakketti bis-sustanza allegata droga giet mghoddija minn Frendo lill-pulizija li da parti taghha ghaddiet dawn il-pakketti lil Mario Mifsud. "*Tal-Marina saq u harab minn fuq il-post u wara ftit gie intercettat*".[16] L-istess Spettur imbaghad spjega illi l-persuni li kienu gew arrestati kienu Ryan Agius u Antoine Agius ossia l-imputat.

Fl-istess seduta tad-19 ta' Ottubru 2007, PC 1473 Simon Deguara, xehed illi huwa kien prezenti waqt il-*controlled delivery* li kellha ssir bejn Anthony Frendo u l-imputat. Huwa qal illi bejn is-2.00pm u l-4.00pm, huwa flimkien mal-kollegi tieghu kienu qeghdin hdejn il-knisja ta' San Bastjan meta raw Marina *maroon* "*tiltaqa' mal-karozza ta' li kien qieghed maghna* (b'referenza ghal Frendo). *Din ghamlet kuntatt u t-tnejn infirdu*".[17] Huwa jghid ukoll li kien mar wara Anthony Frendo, fil-waqt li l-kollegi tieghu marru wara l-imputat.

Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2007, xehed ukoll PC 451 Aaron Bugeja li qal illi fl-4 ta' Lulju 2002, huwa kien gie infurmat li kellha ssir *controlled delivery* fuq l-imputat. PC 1473 u hu marru hdejn il-knisja ta' San Bastjan, fejn ghall-habta tal-4.00 p.m. giet vettura Marina li kien hemm fiha l-imputat. Skond l-istess xhud, dan ghamel kuntatt ma' Anthony Frendo. Fil-waqt li PC 1473 mar wara Anthony Frendo, hu u PS 1044 marru wara l-imputat.[18] Huwa jghid

[14] A fol. 25 tal-process.
[15] A fol. 26 tal-process.
[16] A fol. 26 tal-process.
[17] A fol. 28 tal-process.
[18] A fol. 30 u 31 tal-process.

li fuq l-imputat instabu Lm150. L-istess imputat gie mwaqqaf u arrestat u saret ukoll tfittxija fid-dar tieghu li rrizultat fin-negattiv.[19]

Il-Pulizija l-ohra indikati minn PC 451 Aaron Bugeja bhala li kellhom involviment f'dan il-kaz ma tressqux bhala xhieda.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2007 xehed Anthony Frendo. L-istess Frendo kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija dakinhar stess li saret il-*controlled delivery* ossia fl-4 ta' Lulju 2002, fis-7.00 p.m. Fl-istess stqarrija[20] huwa qal illi ghall-habta tal-4.00 p.m., wara li l-Ispettur Mifsud informa lill-Magistrat li huwa kien behsiebu jikkollabora mal-pulizija, huwa cempel lil wiehed maghruf bhala Antoine jew Twanni fuq il-*mobile* tieghu u staqsieh jekk kienx Toni. Huwa qallu li kien 'Ninu l-Ballerin' u dan Toni qallu li kien gharfu. "*Jien staqsejtu jekk kellux xi naqra mit-tabja, u hu qalli li kien sejjer jzommli bi tletin lira il-wahad* [wiehed]. *Pero` jien ghaltu* [ghidtlu] *li peress li kont sejjer niehu aktar minn wahda riedtu jnaqsli* [jnaqqasli] *ftit, u li ma kienetx l-ewwel darba li kont xtrajt minghandu. B'hekk ergajt tlabtu biex jrah*[h]*asli. Hu dak il-hin qalli li jekk kont sejjer niehu hamsa kien sejjer jtini kull wahad* [wiehed] *ghal prezz ta' Lm29.00. Jien nghaltu* [ghidtlu] *li ok, u ftehmna biex niltaqu.*"[21]

Frendo qal ukoll illi huma ftehmu li kellhom jiltaqghu hdejn il-knisja ta' San Bastjan. Wara li l-pulizija ghamlu fotokopja tal-karti tal-flus li huwa kien ser jiehu mieghu, liema karti gew iffirmati mill-pulizija u huwa nghata dawn il-flus, huwa mar ma' genb il-gnien ta' hdejn il-knisja.[22]

Huwa jkompli jghid hekk: "*Wara ftit li kont qieghed hemm gie fuqi Twanni bil-karozza, Marina ta' kulur Maroon. Fil-fatt il-karozza kien qieghed jsuqa il-guvni li kien hemm mieghu li jien qatt ma kont rajt qabel. Twanni beda jghod*[d] *il-flus li kont tajtu, u taghni Lm5.00 bqija.*

[19] A fol. 31 tal-process.
[20] A fol. 31 tal-*proces verbal.*
[21] A fol. 32 tal-*proces verbal.*
[22] A fol. 32 tal-*proces verbal.*

*Mbaghad taghni dak il-pakett b'hames boroz eroina go fih. F'daqqa u il-hin rajt il-Pulizija gejja ghal fuqna u Twanni saq l-hemm.*"[23]

Frendo qal li sussegwentement huwa gie arrestat u ghadda d-droga lill-pulizija.

L-istess Frendo qal ukoll li waqt it-telefonata li huwa ghamel lil Twanni, qatt ma ssemmew il-kliem "*droga, eroina, smack jew xi kelma ohra li tista' tfisser droga*", li dan Twanni "*qatt ma semma dan il-kliem, ghax meta xtrajt min ghand dan Twanni qatt ma tissem*[m]*a' xi kelma bhal droga fuq it-telefon, ghax jibza li jkun hemm xi hadd jis*[s]*emma*". Mistoqsi kemm il-darba huwa xtara minghand dan Twanni, Frendo qal li b'kollox kien xtara xi darba jew tnejn "*u gieli kien jaghtili biex jipprova Jimmy il-Laus*".[24]

Din l-istqarrija giet sussegwentement guramentata minn Anthony Frendo quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Dr. Giovanni Grixti fl-4 ta' Lulju 2002 fid-8.40 pm.[25] Huwa rega' zied illi huwa qatt ma kien ra lil guvni li kien qieghed isuq il-vettura. Huwa kkonferma wkoll illi l-esebit li kien gie elevat minn fuqu stess dakinhar kien jikkonsisti f'hamest iqratas ta' gramma l'wiehed ossia d-droga li huwa kien xtara minghand Tony waqt il-procedura li huwa kien spjega fl-istqarrija tieghu.

Anthony Frendo xehed f'dawn il-proceduri fil-5 ta' Novembru 2007. F'din ix-xhieda tieghu, huwa qal illi huwa kien xtara d-droga eroina "*minghand wiehed minn fejn San Bastjan fil-karozza*"[26]. Meta mistoqsi mill-Qorti minghand min kien xtara l-istess droga, huwa wiegeb li kien xtraha "*Minghand tnejn hux. Kienu tnejn*"[27], li wiehed minnhom huwa gharfu bhala l-imputat. Meta gie mistoqsi liema minn dawn iz-zewg persuni kien tah id-droga f'idejh, l-imputat wiegeb li dak il-hin huwa kien imgerfex

[23] A fol. 32 tal-*proces verbal.*
[24] A fol. 32 tal-*proces verbal.*
[25] A fol. 43 sa 47 tal-*proces verbal.*
[26] A fol. 37 tal-process.
[27] A fol. 37 tal-process.

minhabba l-presenza tal-pulizija u li ma kienx jaf ezattament min minn dawn iz-zewg persuni ghaddielu d-droga. Huwa qal ukoll illi n-numru tat-telefon li fuqu kien cempel sabiex jakkwista d-droga kien tahulu certu Jimmy u li huwa ma kienx jaf ta' min kien in-numru.

Ghalkemm minn certi brani tax-xhieda tieghu, Frendo jaghti x'jifhem illi huwa ftiehem ma' Jimmy biex jiltaqa' mieghu hdejn il-knisja ta' San Bastjan, Hal Qormi[28], wara jghid illi kien Jimmy li cempel lill-persuna li huwa ltaqa' maghha sussegwentement hdejn l-imsemmija knisja.[29] Frendo xehed illi ma kienx jiftakar kemm kien ghadda flus lil persuna li taghtu d-droga, izda jiftakar li kien inghata Lm5 bqija u li kien tahielu "*wiehed minn dawk*"[30] – b'referenza ghaz-zewg persuni li kienu fil-vettura. Frendo lanqas ma seta' jiftakar ezattament kemm akkwista droga dakinhar u qal illi "*minghalija ghidtlu tini 5 u qalli le tlieta jaghtik u ghidtlu tlieta mela jiena … insejt issa ghax ilu 5 snin*".[31]

Wara li nqratlu l-istqarrija guramentata li huwa kien irrilaxxja quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Frendo kkonferma illi l-imputat kien wiehed mill-persuni fil-vettura, izda ma kienx jiftakar min kien tah id-droga. Meta mistoqsi kemm il-darba kien inqeda "*minghand dan is-sinjur*", huwa qal li kien inqeda minghandu xi darba ohra u li kien xtara wahda ghalih xi xahar qabel l-4 ta' Lulju 2002.[32]

In kontro-ezami, Frendo innega li huwa qatt biegh jew ta droga lill-imputat u qal li kien Jimmy li qabbdu mal-imputat – "*Jiena dak Jimmy qabbaduli lili*"[33]. Frendo qal li kien l-imputat li kien tah id-droga "*Imma mhux hafna. Kemm ninqeda jiena. Wahda, tnejn*".[34] Frendo sostna illi huwa qatt ma ta droga lill-imputat, ghalkemm kien jaghti kwazi

[28] A fol. 41 tal-process.
[29] A fol. 42 tal-process.
[30] A fol. 43 tal-process.
[31] A fol. 43 tal-process.
[32] A fol. 45 u 46 tal-process.
[33] A fol. 47 tal-process.
[34] A fol. 48 tal-process.

nofs id-droga tieghu lill-haddiehor[35] u kkonferma li kien hemm proceduri pendenti fil-konfront tieghu rigward traffikar.[36]

Ryan Agius irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fl-4 ta' Lulju 2002 fis-6.00pm.[37]

Huwa qal illi fl-4 ta' Lulju 2002, huwa mar ghand l-imputat wara li kiel u qghadu jilaghbu fuq il-*Playstation.* Waqt li kienu qeghdin jilaghbu, "*cempel il-mobile ta' Antoine. Mistoqsi x'kien qieghed jghid Antoine nghid li qallu li kienu sejrin jiltaqu fejn il-knisja ta' San Bastjan. Qallu li kienet mit-tajba, u qallu li kien sejjer itijielu bit-29 lira il-wahda*"[38]. Meta gie muri borza b'hames pakketti, bit-trab ta' kulur kannella, Ryan Agius qal li kien qed jaghraf dik il-borza, li kienet ghand Antoine, qabel ma marru hdejn il-knisja. Huwa qal "*Antoine ta lil dak ix-xih u dan tah il-flus ghaliha.*"[39] Huwa qal illi dawn il-flus kienu fil-pussess tieghu meta hu u l-imputat gew arrestati ghaliex Antoine kien tahomlu biex izzommhomlu. Huwa qal li Antoine kien ghadd dawn il-flus quddiem ix-xih, li sussegwentement rah jigi arrestat mill-pulizija. Ryan Agius qal illi din ma kinitx l-ewwel darba li ra droga u li fil-fatt kien ra l-istess droga bhal dik li kien ghadu kif gie muri. "*Mistoqsi x'rajt nghid li rajt aktar minn dan li gejt muri issa, cioe` boroz zghir. Mistoqsi kif kont narhom nghid li gieli kont mmur mieghu biex jqassamhom. Mistoqsi kemm il-darba mort mieghu jqassam dawn il-pakketti nghid li mort xi ghaxar darbiet zgur*[40]*.* Huwa qal li qatt m'ghamel uzu mid-droga.

Din l-istqarrija giet sussegwentement guramentata minn Ryan Agius quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Dr. Giovanni Grixti fl-4 ta' Lulju 2002 fid-8.40 pm.[41]

---

[35] A fol. 48 tal-process.
[36] A fol. 47 tal-process.
[37] A fol. 29 u 30 tal-*proces verbal*.
[38] A fol. 30 tal-*proces verbal.*
[39] A fol. 30 tal-*proces verbal.*
[40] A fol. 30 tal-*proces verbal.*
[41] A fol. 38 sa 42 tal-*proces verbal.*

Ryan Agius zied ukoll illi huma marru jaghtu d-droga lix-xih li semma fl-istqarrija bil-karozza Marina li tappartjeni lill-imputat.

L-istess Ryan Agius xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2007.[42] Huwa qal illi fl-4 ta' Lulju 2002, huwa kien ghand Toni, l-imputat. Cemplu lil Toni u flimkien huma marru lejn San Bastjan[43] bil-karozza tal-imputat, liema karozza giet misjuqa mill-istess imputat[44]. Qal illi l-imputat u hu kienu marru biex jaghtu d-droga (liema droga huwa qal li nesa x'kienet)[45] lil wiehed li huwa ma kienx jaf min hu, ghalkemm jaf li kien qasir[46] u li dan tahom il-flus[47]. Ftit wara gew arrestati. Ryan Agius rega' kkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja fl-4 ta' Lulju 2002. In kontro-ezami, huwa qal illi l-flus haduhom minghand l-imputat u li huwa qatt ma abbuza mid-droga.

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fis-6 ta' Lulju 2002 u dan bejn l-10.00am u s-1.15pm.[48]

Huwa qal illi nhar l-4 ta' Lulju 2002 ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart ta' wara nofsinhar, meta gie arrestat, huwa kien qieghed in-naha ta' San Bastjan, Hal Qormi, ftit il-boghod mir-*roundabout* ma' Ryan Agius.[49] Dak il-hin huwa kien qieghed bil-vettura Morris Marina ta' kulur *maroon*, liema vettura kienet ta' missieru. Kien huwa stess li kien qed isuq din il-vettura. L-imputat qal illi huwa kien qieghed f'dawk l-inhawi ghaliex kien sejjer jixtri *air condition*.

Mistoqsi dwar ta' min kienu l-flus li kellu fuqu Ryan Agius, l-imputat ma wegibx u meta mistoqsi ghalfejn kien qal lil pulizija, fil-hin tal-arrest, illi l-flus kienu ta' ohtu ghal *air conditioner*, huwa rega' ma wegibx.[50] Sussegwentement,

[42] A fol. 49 sa 58 tal-process.
[43] A fol. 50 tal-process.
[44] A fol. 52 tal-process.
[45] A fol. 52 tal-process.
[46] A fol. 53 tal-process.
[47] A fol. 54 tal-process.
[48] A fol. 5 sa 7 tal-process.
[49] A fol. 5 tal-process.
[50] A fol. 6 tal-process.

fl-istess stqarrija, l-imputat qal illi l-flus kienu tieghu u li kien gabhom mid-dar. Huwa nnega li gab il-flus minn hdejn San Bastjan.[51] Meta rega` gie mistoqsi, izjed tard, dwar ta' min kienu l-flus, huwa qal li ma kienx jaf.[52]

L-imputat qal illi dakinhar huwa qatta' gurnata d-dar jilghab bil-*Playstation* ma' Ryan. Huma marru dawra ghax huwa kien ftiehem ma' ommu li kien ser ikompli jhallas l-*air conditioner* – huwa kien hallas Lm80 bil-quddiem u kien ghad fadallu jhallas Lm25.[53]

Mistoqsi jekk qabel marru dawra, kienx cempillu f'xi hin il-*mobile*, l-imputat qal illi "*L-gharusa cemplet, dik li niftakar, il-kumplament. Ghalija dik cemplet biss*". Meta l-imputat gie mgharraf illi mill-memorja tal-*mobile* tieghu, kien jidher li cempillu certu Ballerin Sprejer, fl-4 ta' Lulju 2002, fil-15.57, huwa wiegeb li ma kienx kellmu hu u li ma kienx jaf min kellmu.[54]

Meta mistoqsi jekk hu kienx mar hdejn San Bastjan sabiex iqassam l-eroina lil persuna ohra li kienet qeghda tistennih, huwa qal "*ma nwiegebx, mhux vera, jien ma kontx sejjer nqassam xejn lil hadd, jien, hekk ikteb*". Qal li ma kellux droga, ma jafx ta' min kienet id-droga li nstabet u li d-droga ma kinitx tieghu.[55] Izjed tard, l-imputat rega' nnega li huwa jew huma bieghew droga.[56]

L-imputat gie mistoqsi wkoll dwar messagg li bghattlu fuq il-*mobile* tieghu certu wiehed Keith l-Ohxon, liema messsagg kien igib id-data tat-2 ta' Lulju 2002 u gie mibghut lilu fis-siegha ta' wara nofsinhar. Dan il-messagg kien jghid hekk:- "*Jien Toni qieghed ghand il-Miland jekk ghandek tnewwel xi haga idumx ghax jien dalwaqt nixtri*". L-imputat wiegeb illi lil dan Keith huwa kien jafu, ghalkemm nesa fejn, u li huwa kellu jaghti lil Keith Lm25. Meta mistoqsi dwar x'ried jixtri Keith, huwa qal li "*Dalwaqt*

[51] A fol. 6 tal-process.
[52] A fol. 7 tal-process.
[53] A fol. 6 tal-process.
[54] A fol. 6 tal-process.
[55] A fol. 6 u 7 tal-process.
[56] A fol. 7 tal-process.

*jixtri l-ikel*". Qal ukoll illi Keith qallu biex inewwel xi haga b'referenza ghall-flus u mhux ghad-droga. Wara l-imputat qal illi jista' jkun li l-messagg ntbghat lilu bi zball.[57]

L-imputat ghazel li jixhed matul dawn il-proceduri u fil-fatt huwa xehed fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2010.[58]

Huwa xehed illi huwa kien jaf lil Ryan Agius stante li dan kien jirrisjedi tahtu. Dak iz-zmien huwa kien jabbuza mill-eroina, u gieli kien jixtri minghand Ryan. Huwa qal ukoll illi dakinhar tal-incident, huwa kien ircieva telefonata minghand Anthony Frendo – "*kien qalli li ried jixtri u tajtu telefon u ghidtlu hawn qieghed hdejja siehbi, u tajt it-telefon lilu …lil Ryan Agius*"[59]. Huwa qal li ma kienx sema' l-konversazzjoni bejn Ryan u Frendo, ghalkemm basar x'kien qed jigi miftiehem[60] u li m'ghamel l-ebda ftehim ma' l-istess Frendo.[61]

L-imputat xehed illi Ryan Agius qallu biex iwasslu u huwa fil-fatt wasslu wara l-knisja ta' San Bastjan, Hal Qormi. Hemmhekk gie Anthony Frendo "*u tah id-drogi u tah il-flus u tlaqna*". Qal li lil Anthony Frendo kien jafu, peress illi hu minn Hal-Qormi. Mistoqsi mill-Qorti kienx jaf li Frendo kien jaghti d-droga wkoll, l-imputat wiegeb "*Kelli idea ghax peress li kont niehu jiena jigifieri*". Mistoqsi jekk kienx jixtri minghand Frendo, huwa qal "*Gieli xtrajt minghandu iva*"[62]. L-imputat xehed illi apparti Frendo, hu kien jixtri minghand Ryan ghax kien ikun mieghu ta' spiss.

L-imputat qal illi huwa ried imur iqieghed *deposit* fuq *air condition* ghal ohtu. Wara li sehhet it-transazzjoni ma' Frendo, hu u Ryan telqu minn fuq il-post u hekk kif marru l-pulizija fuqhom, Ryan, li dak il-hin kellu l-flus ghandu qallu "*fil-kaz dawn ghidlu li ghall-air condition. Ghidtlu all right jien*".[63]

---

[57] A fol. 7 tal-process.
[58] A fol. 73 sa 83 tal-process.
[59] A fol. 74 tal-process.
[60] A fol. 74 tal-process.
[61] A fol. 75 tal-process.
[62] A fol. 75 tal-process.
[63] A fol. 77 tal-process.

L-imputat qal li l-flus, li kienu jammontaw ghal Lm150, instabu fuq Ryan Agius u li dawn kien tahomlu Frendo. Qal li huwa kien qieghed isuq Marina li kienet ta' missieru, u passiggier mieghu kien hemm biss Ryan Agius.

In kontro-ezami, l-imputat qal illi huwa ma kienx qal il-verita` fl-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija fis-6 ta' Lulju 2002[64] u li l-verita` kienet dik li kien ghadu kif xehed dwarha[65].

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi matul dawn il-proceduri, is-sustanza elevata minn fuq Anthony Frendo wara li saret il-*controlled delivery* baqghet ma gietx esebita, kif lanqas ma gie esebit rizultat ta' xi ezamijiet forensici li setghu saru fuq din is-sustanza. Mix-xhieda ta' l-Ispettur Josric Mifsud jirrizulta illi din is-sustanza fil-fatt giet mghoddija lil Mario Mifsud[66] – wiehed jassumi lill-Ispizjar Mario Mifsud – izda l-ebda relazzjoni ma giet esebita fl-atti tal-kawza.

Il-Qorti ghalhekk trid tikkunsidra jekk, fin-nuqqas ta' ezamijiet forensici li juru li s-sustanza elevata minn fuq Anthony Frendo u allegatament mibjugha lilu mill-imputat kienet droga eroina, gewx imressqa bizzejjed provi li juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi fil-fatt l-imputat kien jittraffika d-droga eroina.

L-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata fil-fehma tal-Qorti, hija jekk ingabux bizzejjed provi sal-grad rikjest mil-ligi li juru mhux biss li kien hemm traffikar, izda li t-traffikar in kwistjoni kien proprju tad-droga eroina, ghaliex fil-fatt l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat giet impostata b'dan il-mod.

Kif inghad izjed il'fuq, meta Anthony Frendo cempel lill-imputat, huwa staqsieh jekk kellux mit-tajba u fl-ebda mument ma ssemmew il-kliem 'droga', 'eroina', 'smack'

[64] A fol. 78 tal-process.
[6565] A fol. 79 tal-process.
[66] A fol. 26 tal-process.

jew xi kelma ohra li tfisser droga. Saret il-*controlled delivery* u Anthony Frendo inghata pakkett b'hames boroz zghar li kienu jikkontjenu trab b'lewn kannella. Fl-istqarrija tieghu, Frendo jiddeskrivi din is-sustanza bhala eroina. Fil-fatt Frendo jiddeskrivi din is-sustanza b'dan il-mod, mhux ghaliex saru xi ezamijiet forensici fuqha li kienu jindikaw li fil-fatt din kienet eroina jew ghaliex kien ikkonsma minnha (haga li zgur m'ghamilx dak il-hin ghaliex is-sustanza giet immedjatament elevata mill-pulizija), izda ghaliex hu stess kien xtara din is-sustanza minghand Twanni f'okkazzjoni jew okkazzjonijiet ohrajn. Fil-fatt jghid fl-istqarrija tieghu, illi b'kollox xtara xi darba jew tnejn minghand Twanni u gieli Twanni kien jaghtihielu biex jipprovaha certu Jimmy il-Laus. Anke fix-xhieda tieghu, matul dawn il-proceduri, in kontro-ezami, l-istess Frendo jghid illi Tony tah id-droga – "*mhux hafna. Kemm ninqeda jiena. Wahda, tnejn*"[67]. Huwa evidenti illi Frendo kien ikkonsma mid-droga li kien ghaddielu Tony/Twanni u kien jaf ghalhekk li dik is-sustanza kienet eroina. U kien proprju ghal din ir-raguni li Frendo assuma li dak li kien gablu Tony/Twanni fl-okkazzjoni tal-*controlled delivery* ukoll kienet droga eroina u dan minkejja li waqt il-konversazzjoni telefonika ta' bejniethom, la Tony u lanqas Frendo qatt ma semmew id-droga eroina. Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi dak li kien qieghed jigi traffikat f'okkazzjoni jew okkazzjonijiet ohra qabel ma saret il-*controlled delivery*, kienet proprju d-droga eroina.

Minn ezami tal-provi prodotti f'dan il-kaz, jirrizulta car illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti fejn min-naha l-wahda Anthony Frendo u Ryan Agius isostnu illi l-imputat kien jittraffika d-droga eroina, fil-waqt illi min-naha l-ohra, l-imputat jghid illi huwa kien biss jabbuza mid-droga eroina u li fil-fatt kienu Frendo u Agius li kienu jissupplixxu lilu b'din id-droga.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, "*mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna*

[67] A fol. 48 tal-process.

*akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-prova skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjonijiet dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux*".

Din il-Qorti fil-fatt temmen il-verzjoni ta' Anthony Frendo u Ryan Agius u dan minkejja illi x-xhieda ta' Frendo f'dawn il-proceduri ma kinitx cara daqs l-istqarrija guramentata li huwa rrilaxxja *a tempo vergine* u minkejja li Agius kien kemm xejn riluttanti waqt ix-xhieda tieghu. Kif qalet din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fis-sentenza moghtija fit-12 ta' Mejju 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Masoud Albuweiser**:

"*Verament l-istqarrija guramentata taht il-Kap. 101 tiskapula certu regoli naxxenti taht il-Kap. 9. Verament ukoll tista' tigi kontradetta minn fatturi varji u spetta lill-Qorti Gudikanti li mill-assjem tal-provi taghtiha dak il-valur probatorju li jixirqilha. Ghalhekk il-Qorti se ticcita sentenza … fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, 26 ta' Mejju, 2003, Appell Kriminali 14/2003 fejn il-Qorti qalet fil-konfront ta' stqarrija guramentata hekk:*

*"S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat, il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' x-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingab il-Qorti ghall-fini ta' kontroll da parti ta' l-akkuzat jew l-imputat*".

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu u sussegwentement guramentata, Anthony Frendo jghid li huwa cempel lil wiehed "*maghruf bhala Antoine, jew Twanni*"[68]. Huwa cempillu fuq il-*mobile* tieghu u staqsieh jekk kienx Toni. Frendo qallu li kien Ninu l-Ballerin u l-iehor qallu li kien

[68] A fol. 31 tal-*proces verbal.*

gharfu.  Jibda biex jinghad illi l-imputat fil-fatt jismu Antoine, fil-waqt illi siehbu jismu Ryan.  Bhala fatt diga` ma jaghmilx sens u huwa tassew improbabbli illi Frendo cempel lill-imputat u staqsih ghal Toni (meta l-imputat jismu Antoine), izda fil-fatt ried ikellem lil Ryan, kif jallega l-istess imputat.  Apparti li 'Ryan' qatt ma jissemma minn Frendo fl-istqarrija tieghu, matul l-istess stqarrija Frendo jibqa' jirreferi ghal Twanni.  Mhux biss, izda fl-ebda mument ma jghid dan Frendo, li kien tassew dettaljat fid-deskrizzjoni tieghu ta' dak li kien intqal f'din il-konversazzjoni telefonika, illi fil-fatt Twanni kien ghaddih lil xi hadd iehor waqt din il-konversazzjoni, minkejja li l-imputat jallega illi huwa ghadda l-*mobile* tieghu lil siehbu Ryan, li skond hu, allura kompla jkellem lil Frendo. Lanqas l-Ispettur Josric Mifsud, li kien qed jisma' dak li kien qieghed jghid Anthony Frendo lil Twanni, ma semma xejn dwar dan il-fatt fix-xhieda tieghu.  Jigi rilevat ukoll illi minkejja illi l-prosekuzzjoni baqghet ma esebietx il-*mobile* tal-imputat, jew xi analizi ta' espert li tindika illi din it-telefonata fil-fatt saret fuq in-numru tal-*mobile* tal-imputat, l-imputat stess jammetti illi din it-telefonata huwa rceviha fuq il-*mobile* tieghu[69].  Skond l-imputat, allura, u fid-dawl ta' dak li xehed Frendo, siehbu Ryan kien qieghed jimpersonah u jgib ismu – Toni – meta fil-fatt kien jismu Ryan!

Il-kontenut tal-konversazzjoni bejn Frendo u l-imputat jew dak li huwa seta' sema' minghand l-imputat waqt li dan kien qed jitkellem ma' Frendo, gie kkonfermat ukoll minn Ryan Agius fl-istqarrija tieghu, li wkoll giet guramentata minnu.  Hawn irid jinghad illi fl-istqarrija tieghu, Ryan Agius wiegeb ghall-mistoqsijiet kollha li saru lilu minghajr l-ebda tlaqliq jew ezitazzjoni u dan minkejja illi l-istqarrija tieghu ttiehdet madwar siegha biss wara li sehhet il-*controlled delivery.*  Ryan Agius ikkonferma u kkorrobora kwazi dak kollu li xehed Frendo dwar dak li kien sehh waqt il-*controlled delivery* u kliemu jindika li ma kienx jaf min kienet il-persuna li hu u l-imputat kienu ltaqghu maghha hdejn il-knisja ta' San Bastjan, tant li huwa jirreferi ghal Frendo bhala "*dak ix-xih*" u jibqa' jirreferi

[69] A fol. 74 tal-process.

ghalih bl-istess mod waqt l-istqarrija. Ghalkemm l-istess Agius deher ferm riluttanti fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, huwa rega' kkonferma li huwa ma kienx jaf lil din il-persuna u ddeskrivih bhala qasir fit-tul, apparti li rega' kkonferma l-istqarrija guramentata tieghu. Frendo wkoll ikkonferma illi huwa ma kienx jaf lill-persuna l-ohra li kienet qeghda ma' Twanni fil-karozza meta saret il-*controlled delivery.* L-unika diskrepanza li tezisti fix-xhieda li taw Frendo u Agius hi li fil-waqt li Ryan Agius jghid li kien l-imputat li kien qieghed isuq il-vettura dakinhar tal-*controlled delivery* (u dan ikkonfermah ukoll l-imputat), Frendo jghid illi l-karozza kien qed isuqha l-guvni li kien hemm ma' Twanni, liema guvni huwa qatt ma kien rah qabel. Pero` il-Qorti hija kkonfortatha mill-bqija tax-xhieda, kif inghad izjed il-fuq, kif ukoll minn dak li jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat u mix-xhieda tieghu, kif ser jinghad izjed l'isfel. Xejn ma jeskludi wkoll il-fatt illi Frendo kien mifxul dak il-hin tal-*controlled delivery* stante illi huwa kien jaf li dak li kien qieghed isehh kien qed jigi segwit kollu mill-pulizija, apparti illi huwa kien qieghed jghin sabiex tinqabad terza persuna mill-pulizija.

L-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu fis-6 ta' Lulju 2002 ossia jumejn wara li kienet sehhet il-*controlled delivery.* Minkejja li kellu kull opportunita` ghalhekk li jahseb fuq dak li kien ser jghid, huwa infixel u thawwad sew waqt li kien qed jigi nterrogat, tant li fir-rigward ta' whud mid-domandi li sarulu, huwa biddel il-verzjoni tieghu kemm il-darba. Mistoqsi x'kien qed jaghmel fejn l-inhawi ta' San Bastjan meta gie arrestat, huwa l-ewwel jghid illi kien ser jixtri *air condition*, imbaghad li ried jghid 'ma nwegibx'. Meta mistoqsi dwar ta' min kienu l-flus li nstabu fuq Ryan Agius, huwa l-ewwel ghazel li ma jwegibx, u meta mistoqsi ghalfejn kien qal li l-flus kienu ta' ohtu ghall-*air condition*, rega' ghazel li ma jwegibx. Izjed tard rega' sostna li kien ftiehem ma' ommu li kellu jmur ikompli jhallas ghall-*air condition.* Wara jghid li l-flus li nstabu fuq Ryan kienu tieghu u li kien gabhom mid-dar. Izjed tard jghid li ma jafx ta' min kienu l-flus.

Waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat, saritlu wkoll referenza ghall-messagg li kien ircieva fuq il-*mobile* tieghu

fit-2 ta' Lulju 2002 minghand certu Keith l-Ohxon, liema messagg jghid hekk:- 'Jien Toni qieghed ghand il-Miland jekk ghandek tnewwel xi haga iddumx ghax jien dalwaqt nixtri'. Dwar dan l-imputat qal illi huwa kellu jaghti xi flus lil dan Keith l-Ohxon u li Keith ried ifisser li kien ha jixtri l-ikel. Wara qal li jista' jkun li Keith kien bghattlu l-messagg bi zball. Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li anke f'dan il-messagg, l-imputat gie msejjah bhala 'Toni' u fit-tieni lok, ghalkemm din mhux prova konklussiva wahedha u fiha nnifisha, illi fil-fatt dan Keith l-Ohxon kien qed jirreferi ghad-droga, lanqas ma tregi l-ispjegazzjoni tal-imputat fis-sens illi dan Keith kien ser jixtri l-ikel. Huwa minnu li jista' jkun, kif qal l-imputat, illi wiehed jghid 'newwel xi haga' meta lil min ikun qed jindirizza jkun jafu l-flus, imma huwa improbabbli li jintqal 'newwel xi haga' - b'referenza ghal flus - u mbaghad 'ghax jien dalwaqt nixtri' – b'referenza ghall-ikel. Donnu l-imputat irid jghid illi dan Keith kien qed jistenna lilu sabiex jaghtih il-flus biex ikun jista' jixtri l-ikel! Mhux biss, izda wara li jipprova jaghti spjegazzjoni u jghid li hu kellu jaghti Lm 25 lil dan Keith, l-imputat jerga' jahsibha u jghid li jista' jkun li l-messagg intbaghat lilu bi zball.

Waqt dawn il-proceduri, l-imputat ghazel, skond hu, li jghid il-verita` u qal illi ma kienx qal il-verita` meta rrilaxxja l-istqarrija. Qal li fil-fatt kien Ryan Agius li kien jaghti d-droga eroina lilu, li gieli xtara wkoll minghand Frendo u li dakinhar tal-*controlled delivery* kien Ryan li ftiehem ma' Frendo u li bieghlu d-droga. Rega' qal illi huwa ried jaghmel depozitu fuq *air condition* ghal ohtu u li Ryan qallu biex jghid li l-flus mill-bejgh tas-sustanza li nstabet fuq Frendo, kienu ntizi ghall-*air condition.* Apparti li dan ma jaqbel xejn ma dak li qal *a tempo vergine* l-imputat fl-istqarrija tieghu, li da parti tieghu lanqas ma prova jaghti xi gustifikazzjoni ghall-ispjegazzjoni tieghu li dakinhar tal-istqarrija huwa ma kienx qal il-verita`, ma jidhirx li nstabu xi flus fuq l-imputat u ghalhekk lanqas ma tregi l-istorja tieghu li ried jaghmel depozitu fuq *air condition* ghal ohtu.

L-imputat jghid ukoll illi huwa kien jafu lil Frendo stante li dan kien ukoll minn Hal Qormi u anke ghaliex hu stess gieli xtara d-droga eroina minghand dan Frendo. Da parti

tieghu, fl-istqarrija guramentata, Frendo jghid illi huwa ma kienx jafu lil guvni l-iehor li kien hemm ma’ Twanni u li qatt ma kien rah qabel. Allura wiehed jistaqsi - li kieku kien verament minnu dak li xehed l-imputat, fis-sens illi kien Ryan Agius li kien qed ibiegh id-droga lil Frendo dakinhar tal-*controlled delivery* u illi huwa stess gieli kien xtara d-droga minghand Frendo, ghalfejn Frendo fl-istqarrija tieghu, sostna izjed minn darba illi huwa qatt ma kien ra lil guvni li kien hemm ma’ Twanni fil-vettura?

In oltre, ghalkemm Frendo waqt ix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, xehed illi ma kienx cert jekk fil-fatt kienx l-imputat jew il-persuna li kienet qeghda takkumpanjah li ghaddietlu s-sustanza dakinhar tal-*controlled delivery*, huwa gharaf lill-imputat bhala wiehed minn dawk li kienu fil-vettura u sostna illi huwa kien jixtri d-droga minghand Toni u li dan ghamlu zgur f’okkazzjoni precedenti madwar xahar qabel il-*controlled delivery*. Minkejja li fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta, Frendo ma kienx car daqskemm kien car waqt l-istqarrija tieghu, li kif inghad, giet ukoll guramentata minnu, wiehed irid izomm f’mohhu li ghaddew izjed minn hames snin meta Frendo gie biex jixhed f’dawn il-proceduri. Hu jsemmi wkoll lil certu Jimmy u f’punt minnhom fix-xhieda tieghu anke jghid illi kien dan Jimmy li cempel lill-imputat qabel ma saret il-*controlled delivery.* Madankollu, dan Jimmy ma jissemma mkien *a tempo vergine* la fl-istqarrija guramentata ta’ Frendo stess u lanqas fix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud. Mhux biss, talli Frendo fl-istqarrija tieghu jghid li kien hu li cempel lil Toni u li dan qallu li kien qieghed jgharfu. In oltre, Frendo stess jghid, fix-xhieda tieghu, li kien Jimmy stess li qabbdu mal-imputat. Ghalhekk minkejja din l-inkonsistenza fix-xhieda ta’ Frendo, li xorta baqa’ jsostni anke waqt ix-xhieda tieghu f’dawn il-proceduri, li huwa kien xtara d-droga minghand Toni, u fid-dawl tal-fatt illi l-istqarrija guramentata giet moghtija *a tempo vergine* u hija konsistenti kemm ma’ dak li xehed l-Ispettur Josric Mifsud, kif ukoll ma’ dak li stqarr ukoll Ryan Agius *a tempo vergine*, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat kien jitraffika d-droga eroina. Mhux biss, izda ghalkemm l-imputat jghid illi dakinhar tal-*controlled delivery* huwa ghadda l-*mobile* tieghu lil Ryan

Agius u li kien ghalhekk Ryan Agius li biegh id-droga lil Frendo, Frendo jghid fl-istqarrija tieghu illi meta huwa xtara d-droga minghand Twanni qatt ma kienet tissemma l-kelma ‘droga’, ghax Twanni kien jibza’ li jkun hemm xi hadd li jista’ jisma’. Ghalhekk din ma kinitx l-ewwel darba li Frendo cempel lill-imputat ghad-droga u m’hemm l-ebda raguni ghalfejn wiehed ghandu jahseb illi kull darba li Frendo cempel lill-imputat ghad-droga, Ryan Agius kien qieghed hdejh sabiex jiftiehem hu ma’ Frendo, kif jallega l-imputat li gara dakinhar tal-*controlled delivery.*

Irid jinghad ukoll illi minkejja li ma giet esebita l-ebda droga f’din il-kawza, id-dikjarazzjonijiet tax-xhieda kollha f’din il-kawza, inkluz tal-istess imputat, iwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali li dak li kien qed jigi traffikat, anke dakinhar tal-*controlled delivery,* kienet proprju droga eroina. Kif ga` inghad, Frendo xehed illi huwa kien xtara d-droga minghand l-imputat anke f’okkazzjoni precedenti. Apparti Frendo inniffsu, li gharaf id-droga kkonsenjata lilu matul il-*controlled delivery*, bhala droga eroina, Ryan Agius xehed ukoll illi qabel l-okkazzjoni tal-*controlled delivery* huwa kien diga` ra sustanza ohra, bhal dik li giet mghoddija lil Frendo waqt il-*controlled delivery*¸ukoll f’boroz zghar u li gieli kien imur mal-imputat biex dan iqassamhom. Jghid li b’kollox mar xi ghaxar darbiet. L-imputat stess, li kellu kull dritt li jibqa’ sieket matul dawn il-proceduri, iddikjara huwa stess li dik li giet mghoddija lil Frendo waqt il-*controlled delivery* kienet droga – izda pprova jisposta l-htija fuq Ryan Agius. Ta’ min jghid ukoll illi lanqas id-difiza ma ssollevat dan il-punt fit-trattazzjoni taghha, ossia illi s-sustanza baqghet ma gietx esebita, proprju ghaliex gie ddikjarat anke mill-imputat illi s-sustanza in kwistjoni kienet droga eroina, b’dan illi ma kienx hu li kien qieghed jittraffika din id-droga izda Ryan Agius – haga li l-imputat ma rnexxilux juri fil-fehma ta’ din il-Qorti, lanqas sal-grad tal-probabbli.

Tenut kont ta’ dak kollu suespost, il-Qorti hija sodisfatta illi l-prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat sal-grad rikjest mil-ligi.

b. *Pussess illegali ta' droga eroina*

In vista tal-kunsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia l-fatt illi l-imputat biegh id-droga eroina lil Anthony Frendo, dan iwassal necessarjament ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-imputat huwa hati wkoll tat-tieni imputazzjoni.

c. *Ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghhom*

Jigi rilevat fl-ewwel lok illi dan il-kaz, fejn l-imputat gie mixli bit-traffikar ta' droga eroina, jaqa' fil-parametri tal-Kap. 101 u mhux tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre ghalkemm jirrizulta ampjament mix-xhieda prodotta illi fil-fatt il-*controlled delivery* saret hdejn il-knisja ta' San Bastjan, fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova li turi sal-grad rikjest mil-ligi, li fil-fatt il-post fejn sehhet din il-*controlled delivery,* kien f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru tal-postijiet ikkontemplati fil-ligi, il-Qorti mhix sodisfatta illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dan l-aggravju lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghall-fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fatt illi l-fedina penali tal-imputat, ghalkemm mhix netta, zgur illi mhix wahda allarmanti.

L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet gew ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Il-Qorti qieset ir-reat ta' pussess illegali kkontemplat fit-tieni imputazzjoni, bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh taht l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, il-Qorti ser tinfliggi piena wahda ghaz-zewg reati.

In oltre, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat biegh id-droga eroina f'zewg okkazzjonijiet zgur lil Anthony Frendo. Kien hemm okkazzjonijiet ohra meta biegh id-droga lil terzi waqt li kien akkumpanjat minn Ryan Agius, izda l-Qorti m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar il-kwantita` u l-purita` tad-droga mibjugha – ghajr illi dakinhar tal-*controlled delivery* gew mghoddija hamest iqratas lil Frendo u illi Frendo kien xtara fi kwantita` minima f'okkazzjoni precedenti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **hati** tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront tieghu, u fil-waqt li ssibu mhux hati u tilliberah mill-imputazzjoni (c) ossia mill-aggravju tad-distanza, tikkundannah ghall-piena ta' **tmien (8) xhur prigunerija effettiva** – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u multa ta' seba' mitt Euro (€700), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni illi tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma nhatru l-ebda esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------